GHAQDA TAL-KITTIEBA
TAL-MALTI

---

## *ĊIRKULARI*

F'Laqgħa Ġeerali tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li saret fit-3 ta' Frar, 1946, kien deċiż li tinbagħat delegazzjoni għand is-Segretarju tal-Gvern biex titħaddet miegħu dwar il-kondizzjonijiet tal-Konkors tar-Rumanzi mniedi mill-Gvern fil-"Gazzetta tal-Gvern" Nru. 9357 tal-21 ta' Settembru, 1945.

Id-Delegati fis-27 ta' Marzu, 1946, iltaqgħu mas-Segretarju tal-Gvern u ippreżentawlu memorandum li fih, fost ħwejjeġ oħra, ipproponew:

(i) Li l-manuskritti oriġinali li ma jingħataw ebda premju anqas ma jissemmew b'tifħir jinbagħtu lura lill-awturi tagħhom;

(ii) Id-dritt tal-*copyright* jibqa' f'idejn il-kittieb.

(iii) Il-Gvern igħarraf, permezz ta notifikazzjoni, dawn l-emendi, u jtawwal iż-żmien tal-Konkors għal tnax-il xahar bil-kalendarju mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din it-tieni notifikazzjoni;

(iv) Il-Bord jinħatar nofsu mill-Gvern u n-nofs l-ieħor mill-"Għaqda". Fil-każ li l-għadd ikun farrad, il-wieħed żejjed jingħażel mill-"Għaqda".

Barra dan, id-Delegazzjoni fehmet lis-Segretarju tal-Gvern il-ħtieġa li għal did-darba l-Gvern ibiddel il-kondizzjonijiet mill-aħjar li jista' u għal darb'oħra jikkonsulta ruħu mal-Għaqda biex joħorġu kondizzjonijiet li jogħġbu aktar lill-kittieba.

Fil-23 ta' April, 1946, il-Gvern wieġeb li għal did-darba ma jista' jilqa' ebda waħda mill-kondizzjonijiet li ressqet quddiemu d-Delegazzjoni tal-"Għaqda".

Għalhekk, skond kif kien deċiż fil-laqgħa Ġenerali fuq imsemmija, inti, bħala membru akkademiku tal-"Għaqda", mitlub li ma tieħu ebda sehem f'dan il-Konkors la bħala konkorrent u lanqas bħala Eżaminatur.

Nixtiequ nfakkruk illi f'dik il-Laqgħa Ġenerali kien ġie maqtugħ illi, kull min jagħmel tort lill-"Għaqda" billi ma joqgħodx għal dawn il-kondizzjonijiet, ma jingħaddx aktar bħala Membru.

(Ft.) G. GALEA,
*President.*

(Ft.) G. CHETCUTI,
*Segretarju.*